# FIL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

**Illum is-26 ta' Mejju, 2022**

Appell numru 191 tal-2021

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Isaac Redent BORG**

Il-Qorti:

1. Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant Isaac Redent BORG (K.I. 0246300L), u li ġie mixli talli (in suċċint) :

a. nhar id-9 ta' Mejju 2021 u fil-ġranet u x-xhur ta' qabel, f'diversi ħinijiet fil-Floriana u f'diversi postijiet f'dawn il-Gżejjer kiser ordni ta' protezzjoni fis-sensi tal-artikolu 412Ċ(11) tal-Kodiċi Kriminali; u
b. Fit-22 ta' Marzu 2021, 12 t'April 2021, 16 t'April 2021, 19 t'April 2021, 3 ta' Mejju 2021, 5 ta' Mejju 2021 u 7 ta' Mejju 2021 kiser il-kundizzjonjiet tal-ħelsien mill-arrest konċess lilu u dan bi ksur tal-artikolu 579(2) tal-Kodiċi Kriminali. Il-Prosekuzzjoni talbet lil Qorti biex f'każ ta' ħtija tħassar il-ħelsien mill-arrest, tordna l-arrest mill-ġdid kif ukoll tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-ammont ta' tliet elef euro (€3000) prestata bħala garanzija personali minnu.

2. Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-14 ta' Ġunju 2021, fejn il-Qorti sabet lill-imputat appellant ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u kkundannatu għall-piena ta' sitt xhur priġunerija sospiżi għal tmintax

il-xahar nonche ordnat il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' elf euro (€1000) konsistenti f'nofs id-depożitu impost fid-digriet għall-għoti tal-ħelsien mill-arrest.

3. Rat ir-rikors tal-appell ta' BORG fejn talab lil din il-Qorti sabiex filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant ħati, iżda tvarjaha kwantu jikkonċerna l-piena imposta billi timponi piena iżjed ekwa u ġusta u li tirrifletti l-fatti tal-każ u dan wara li saħaq li l-piena kienet waħda eċċessiva u kienet timmerita modifika minħabba l-aspetti soċjali li fih dan il-każ.

**Ikkunsidrat**

4. Din il-Qorti ftit għandha xi żżid ma dak li qalet il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fis-sentenza tagħha. Il-konsiderazzjonijiet magħmula minnha huma kondiviżi minn din il-Qorti.

5. L-appellant jidher li kien għaddej minn perjodu imqalleb f'ħajtu li waslu għalbiex seħibtu kwerelatu u ttieħdet l-azzjoni kontra tiegħu li waslet għall-ħruġ tal-ordni tal-protezzjoni tas-7 t'Ottubru 2020 u l-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest tad-19 t'Ottubru 2020. L-azzjoni tiegħu li ma jmurx jiffirma l-bail book (mingħajr kawża ġusta u mingħajr ma ta avviż) u r-riavviċinament mas-sieħba tiegħu wara l-ħruġ tal-ordni tal-protezzjoni favuriha stess – u bil-beneplaċitu tal-istess sieħba tiegħu – mingħajr pero ma għamel jew seħibtu għamlet rikors għas-sollevazzjoni stess – bir-raġuni miġjuba minnu li ma kellux flus għal avukat.

6. Kif qaltlu l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fiż-żewġt ċirkostanzi l-appellant ma kellux skużi xi jġib. Kif tgħallem ġurisprudenza soda id-digrieti tal-Qorti għandhom jiġu osservati kelma b'kelma, skrupolożament, mingħajr tfettieq jew kavillar żejjed. Dan, l-appellant, evidentement ma għamlux. Jekk huwa kellu kien jeħtieġlu jagħmel xogħol overtime, setgħa faċilment imur jiffirma f'ħin li fih ma jkunx xogħol jew jekk għal xi raġuni dan ma kienx possibbli, kellu almenu jċempel lill-Ispettur biex javżah bl-impenn impellenti u jmur jiffirma f'ħin li jkun adatt. Jekk kellu problema biex iħallas avukat minħabba li l-finanzi tiegħu kienu limitati, huwa setgħa jagħmel talba biex ikun assistit minn Avukat tal-Għajnuna Legali. Dan pero ma għamlux. L-injoranza tal-Liġi ma tistax titqies skużanti. L-appellant ma setgħax imur kontra l-ordnijiet mogħtija lilu mill-Qorti mingħajr konsegwenza. L-ordnijiet tal-Qorti isimhom magħhom –

ordnijiet, mhux inviti jew kartolini. Min ma jimxix magħhom, aktar u aktar jekk ma jkollux raġuni ġusta u valida fil-Liġi, jrid iwieġeb għal għemilu u jħallas il-konsegwenzi.

7. B'hekk is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma hemm xejn x'tista' tiċċensura fiha.

8. Din il-Qorti pero qieset li grazzi għall-emendi introdotti lill-Artikolu 579 tal-Kodiċi Kriminali, illum il-Qrati għandhom iżjed spazju ta' manuvra meta jiġu biex jimponu l-konfiska tal-ammont prestat b'garanzija. F'dan il-każ il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kienet ħanina mal-appellant meta imponiet sentenza ta' priġunerija fil-forma sospiża tagħha; daqskemm kienet ukoll meqjusa fl-imposizzjoni tal-konfiska fl-ammont ta' nofs id-depożitu in konnessjoni mal-għoti tal-ħelsien mill-arrest tal-appellant.

9. Din il-Qorti, matul il-kors tal-appell qieset ukoll il-fatt li r-rikorrent u seħibtu jirriżultaw li huma maħkuma min sitwazzjoni partikolari ħafna. Apparti l-eta żgħira tiegħu u ta' seħibtu, huma diġa għandhom żewġt itfal. Jirriżulta mill-provi wkoll li r-relazzjoni ta' bejniethom għaddiet minn taqlib, u anke diffikultajiet mhux biss finanzjarji iżda wkoll oħrajn ta' natura soċjali. Jirriżulta wkoll li l-appellant kien inċensurat u b'hekk ma jirriżultax li huwa kellu xi passat kriminali. Jidher ukoll li l-appellant kien bniedem li kien qiegħed jipprova jaħdem u jtejjeb il-kundizzjoni finanzjarja tiegħu frott ix-xogħol u ma hemmx evidenza li kien qiegħed jipprova jakkwista flus frott tal-kriminalita.

10. Din il-Qorti tqis li dawn iċ-ċirkostanzi partikolari jimmeritaw reviżjoni moderata l-isfel fl-ammont li għandu jiġi konfiskat favur il-Gvern ta' Malta sabiex kemm jista' jkun l-appellant ikompli jaħdem għalih u għal uliedu. Ben intiż pero, li din il-Qorti mhix sejra tibdel is-sentenza ta' priġunerija fil-forma sospiża tagħha in kwantu l-appellant irid jifhem li ordni ta' Qorti, jekk jinkiser għandu konsegwenzi.

11. <u>U sentenza ta' Qorti hija l-kwintessenza ta' ordni ġudizzjarja. Jekk iwettaq xi reat ieħor fiż-żmien tas-sentenza ta' priġunerija sospiża, issa, ftit ikollu ċans li jaħrab il-ħabs. B'hekk qabel ma jwettaq xi reat ieħor, għandu jaħsibha u jaħsibha sew; u qabel jiddelinkwi jġib quddiem għajnejh il-wiċċ u l-ġid taż-żewġ uliedu li ma għandhomx ibgħatu innoċentement minħabba n-nuqqasijiet tiegħu.</u>

# DECIDE

Għaldaqstant din il-Qorti qegħda tiddisponi minn dan l-appell billi tilqgħu in parti u filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata f'dik il-parti tagħha fejn sabet lill-imputat appellant ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu kif ukoll f'dik il-parti tal-piena fejn ikkundannatu għall-perjodu ta' sitt xhur priġunerija li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A(1) tal-Kodiċi Kriminali ġew sospiżi għal tmintax il-xahar (nonche l-fatt li dik il-Qorti ma ordnatx it-tħassir tal-għoti tal-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest u ma ordnatx ir-riarrest tal-appellant) mill-banda l-oħra tbiddel dik il-parti tas-sentenza fejn ordnat il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-ammont ta' elf euro billi minflok tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' mitejn u ħamsin euro (€250).

Altrimenti, salv għal dan tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija tagħha.

**Aaron M. Bugeja,**
**Imħallef**